# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 14 ta' Gunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**vs**
**Isaac Redent Borg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Isaac Redent Borg, ta' 20 sena, imwieled il-Pieta' nhar it-08 ta' Lulju 2000, iben Joseph Borg u Rosalie (Rose Helen) nee' Zammit, residenti gewwa 18, Blk B, Flt 7, Triq l-Argotti, Furjana u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0246300L.

Akkuzat talli nhar id-09 ta' Mejju 2021, u fil-granet u xhur ta' qabel, f'diversi hinijiet gewwa l-Furjana u f'diversi postijiet gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Kiser Ordni ta' Protezzjoni moghtija lilu mill-Mag. Dr. Gabriella Vella, LL.D nhar is-07 ta' Ottubru 2020 u dan bi ksur ta' l-Artiklu 412C(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U iktar talli fit-22 ta' Marzu 2021, fit-12 t'April 2021, fis-16 t'April 2021, fid-19 t'April 2021, fit-03 ta' Mejju 2021, fil-05 ta' Mejju 2021 u fis-07 ta' Mejju 2021 gewwa Paola:-

2. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta provizorja mposti mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D, f'dan li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus

mill-arrest, fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Isaac Redent Borg u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' tlett elef Euro (€3,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwardi allegazzjoni li l-imputat kiser il-kunidzzjonijiet imposti fuqu f'ordni ta' protezzjoni u li kiser il-kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

## IL-PROVI

Illi l-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Audrey Micallef** spjegat[1] li fil-konfront ta'l-imputat hemm proceduri penali pendenti f'liema proceduri l-allegata parte leza hija Kayleigh Cauchi. Fil-kors ta' dawk il-proceduri nhareg ordni ta' protezzjoni u l-imputat inghata l-helsien mill-arrest. Minkejja l-ordnijiet imposti fuqu l-imputat kien bidel ir-residenza tieghu darbtejn u issa qed jghix fir-residenza ta' ommu flimkien ma' Cauchi u uliedhom. Aktar minn hekk, tghid ix-xhud, ghal seba' darbiet l-imputat naqas li jmur l-ghassa ta' Rahal-l-Gdid biex jiffirma il-bail book. Ix-xhud spjegat ukoll li omm l-imputat, li flimkien ma' oht l-imputat kienu qed ghamlu tajjeb ghall-helsien mill-arrest, ghamlet rikors biex tiehu lura d-depozitu peress li kien sar xi theddied fil-konfront taghha.

In kontro-ezami l-Ispettur Micallef qalet li skond ma qallha l-imputat kienet Kayleigh Cauchi li ghamlet l-ewwel kuntatt mieghu wara l-hrug ta'l-ordni ta' protezzjoni; tkellmu, irrealizzaw li t-tnejn ghamlu zbalji u ghamlu xi tentattivi ta' family therapy anke f'l-interess taz-zewg uliedhom. Tghid ukoll li dwar il-kaz li rrappurtat omm l-imputat fuq xi theddied ser jittiehdu proceduri sommarji. Pero tghid ukoll li meta l-imputat gie arrestat ommu ghamlet kuntatt maghha biex tara ghalfejn gie arrestat u meta saret x'kienet ir-raguni bdiet tibki u qalet li binha kien qed jipprova jirranga u anke sab xoghol. Omm l-imputat ikkonfermat ma'l-ispettur

[1] Depozizzjoni a fol 52.

li Cauchi kienet qed toqghod ghandha. L-ispettur qalet ukoll l-imputat suppost kien qed jghix Rahal-l-Gdid f'post mikri, minn hemm mar x'imkien Bugibba u wara mar ghand ommu il-Furjana fejn ghadu jghix sa' llum.

Illi l-istess xhud prezentat diversi dokumenti fosthom:

- Degriet datat 19 ta' Ottubru 2020[2] ai termini ta' liema l-imputat kien inghata helsien mill-arrest;
- Ordni ta' protezzjoni datat 7 ta' Ottubru 2020 mahrug kontra l-imputat; u
- Messaggi interni mibghuta fuq is-sistema tal-pulizija permezz ta' liema l-imsemmija Spettur giet infurmata li l-imputat naqas li jmur l-ghassa jiffirma fis-segwenti granet u cioe 22 ta' Marzu 2021, 12 ta' April 2021, 16 ta' April 2021, 19 ta' April 2021, 3 ta' Mejju 2021, 5 ta' Mejju 2021 u 7 ta' Mejju 2021[3]

Illi termini tad-degriet tal-helsien  mill-arrest l-imputat kien obbligat *inter alia:*

- li ma jkellimx jew javvicina x-xhieda tal-prosekuzzjoni;
- li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;
- li javza lill-pulizija jekk jibdel ir-residenza tieghu; u
- li jirrapporta gewwa l-ghassa ta' Rahal-l-Gdid kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha bejn is-07.00am u 07.00pm.

Illi termini ta' l-Ordni ta' Protezzjoni l-imputat kien projbit:

- milli javvicina jew jsegwi l-movimenti ta' Kayleigh Cauchi;
- milli jikkuntattja jew jimmolesta lil Kayleigh Cauchi; u
- milli jaccedi fil-fond fejn tirrisjedi, tahdem jew tiffrekwenta Kayleigh Cauchi.

Illi **RPC 3075 John Stivala**[4], stazzjonat f'l-ghassa ta' Rahal-l-Gdid qal li fis-segwenti granet u cioe 12 ta' April 2021, 16 ta' April 2021, 19 ta' April 2021, 3 ta' Mejju 2021, u 5 ta' Mejju 2021 l-imputat ma marx jiffirma u li l-pulizija ma nghataw l-ebda raguni ghalfejn l-imputat ma marx jiffirma. Huwa prezenta kopja tal-bail book ta'l-imputat; mill-bail book pero jidher li hemm gurnata ohra meta l-imputat ma marx jiffirma u cioe is-7 ta' Mejju 2021. Fil-bail book m'hemm l-ebda entrata ghall-22 ta' Marzu 2021, li huwa t-Tnejn, u ghalhekk wahda mill-granet meta l-imputat kien obbligat imur l-ghassa.

Illi **l-imputat** ma xehedx pero rrilaxxja stqarrija[5].  Fiha huwa jghid li jaf li liema huma l-granet il-hinijiet li fihom kellu jmur l-ghassa ta' Rahal-l-Gdid u kkonferma li kien hemm sebgha granet (22 ta' Marzu 2021, 12 ta' April 2021, 16 ta' April 2021, 19 ta' April 2021, 3 ta' Mejju 2021, 5 ta' Mejju 2021 u 7 ta' Mejju 2021)

---

[2] Per Magistrat Dr Ian Farrugia.
[3] Ref Dok AM8 sa Dok AM14.
[4] Depozizzjoni a fol 62.
[5] Dok AM6 a fol 12.

meta ma marx l-ghassa minhabba li kellu jahdem *overtime* pero ma nformax lill-pulizija li ma setax imur. Specifika li l-hinijiet normali tax-xoghol tieghu huma mis-7.30am sa'l-04.00pm u overtime jkollhom skond ma jitlob l-imghallem, mhux dejjem l-istess. L-imputat ikkonferma ukoll li huwa konxju li kellu ordni ta' protezzjoni u li ma setghax jersaq lejn Kayleigh Cauchi. Huwa ikkonferma li Cauchi hija t-tfajla tieghu u li kienet qed toqghod flimkien mieghu u m'ommu fid-dar ta' ommu l-Furjana u anke ghamlu zmien flimkien wahedhom f'appartament f'Bugibba. L-imputat ikkonferma li kien jaf x'inhuma l-konsegwenzi ghall-ksir ta' ordni ta'protezzjoni pero qal ukoll li hu u Cauchi iddeciedew li jirrikonciljaw u jippruvaw jergghu jiehdu cans minhabba t-tfal taghhom. Ammetta li kien jaf li kellu jaghmel talba lill-Qorti qabel ma herga jibda jghix flimkien ma' Cauchi pero jghid li ma kellux flus biex jaghmel ir-rikors.

Illi xehdet ukoll **Kayleigh Cauchi**[6], ingunta mill-imputat. Cauchi tiddeskrivi lill-imputat bhala l-partner taghha u missier iz-zewg uliedha; tghid li ilhom f'relazzjoni kwazi tlett snin. Cauchi tghid li f'Ottubru kien inqala' xi incident bejnha u l-im0utat li wassal ghall-proceduri li fihom inhareg l-ordni ta' protezzjoni. Tghid li ghalkemm ma xtaqitx tixhed f'dawk il-procdeuri kienet ingieghla minn missierha ghaliex dan qallha li jekk ma tixhidx fil-konfront ta'l-imputat l-awtoritajiet kienu ser jiehdulha lil uliedha. Tghid li ghalhekk hija xehdet u harget il-proctection order kontra l-imputat. Wara dan l-incident Cauchi ghamlet zmien tghix Dar Merhba Bik pero tkecciet minn hemm ghalkemm ma tafx ghalfejn u spiccat bla saqaf fuq rasha. Mbaghad marret tghix ma'l-imputat ghand ommu. Meta l-imputat gie arrestat fid-9 ta' Mejju 2021u inbdew il-proceduri odjerni l-imputat kera post f'Burmarrad biex tkun tista' tmur tghix fih Cauchi ghalkemm hi xtaqet li tibqa mieghu. Cauchi tghid li hi  marret toqghod Burmarrad u qed joqghodu 'l boghod minn xulxin biex ma jispiccax il-habs u ghax ma tridiex tpoggih f'aktar problemi. Specifikat li anke meta kienet xehdet fil-kawza originali lill-Qorti qaltilha li ghalkemm kienet qed tixhed hija ghadha thobbu lill-imputat.

Illi in kontro-ezami Cauchi insistiet li ghalkemm fil-kawza originali il-Magistrat staqsiha jekk tridx tixhed jew le, hija hasset li kellha tixhed ghax skond ma qallha missierha kellha taghzel jekk it-tfal izommhomx maghha jew idahhluhom f'istitut. Kompliet tispjega li r-relazzjoni ma' missierha kienet wahda difficli u li kien isawwatha minn meta kellha erba' snin u li hi ilha segwitha mill-victim support u anke mic-child protection. Tghid li ilha segwitha mic-child protection minn meta kellha xahrejn tqala' b'l-ewwel wild taghha u dan wara li ghamel rapport missierha. Ziedet li missierha ghamel diversi rapporti foloz lic-child protection. Mistoqsija ghalfejn ma qalitx dawn l-affarijiet kollha meta kien qed jigi investigat il-kaz odjern Cauchi qalet li ma kenitx f'pozizzjoni li taghmel hekk ghax missierha kien qieghed hemm u hi tibza' minnu.

[6] Depozizzjoni a fol 72.

## L-IMPUTAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri l-imputat qed jigi addebietat b'zewg imputazzjonijiet: li kiser ordni ta' protezzjoni u li kiser il-kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

Illi ai termini ta'l-artikolu 412C(11) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jikkommetti reat min *mingħajr skuża raġonevoli l-akkużat jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni* ta' protezzjoni mahrug taht l-istess artikolu 412C.

Illi mill-atti jirrizulta ampjament li fis-7 ta' Ottubru 2020 inhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta'l-imputat ai termini ta' liema l-istess imputat kien ipprojbit milli jikkuntattja lil Cauchi; kien projbit milli javvicinaha u/jew ikellimha; u kien ipprojbit milli jaccedi fil-fond fejn tirrisjedi, tahdem jew tiffrekwenta Cauchi.

Illi mill-provi jirrizulta ukoll li minkejja dan l-ordni ta' protezzjoni f'xi zmien qabel Mejju 2021 Cauchi u l-imputat, mhux talli kienu qed jitkellmu, imma kienu anke qed jghixu flimkien, l-ewwel f'San Pawl il-Bahar, mbaghad il-Furjana ghand omm l-imputat. Aktar minn hekk l-imputat kien jaf li dan ma setghax jaghmlu u li kellu jitlob il-permess tal-Qorti permezz ta' rikors.

Illi, kif jindika ismu, ordni ta' protezzjoni jinhareg biex persuna allegatament vittma ta' xi vjolenza, intimidazzjoni jew molestja tigi protetta minn vjolenza futura u biex jigi assigurat li dik il-vittma tkompli tghix hajjietha minghajr biza'. Il-Qorti, fil-kaz in ezami, tirrikonoxxi li Kayleigh Cauchi, il-persuna protetta permezz ta'l-ordni ta' portezzjoni li tieghu qed jigi allegat il-ksur, ma hassiex intimidati jew imbezza' b'l-agir ta' l-imputat, anzi hija riedet li jerga jibda l-kuntatt bejniethom, riedet li tkompli r-relazzjoni mieghu, u riedet terga tibda tghix mieghu kif ifl-fatt ghamlet. Dan pero la jibdel u lanqas ma jhassar dak li ghamel l-imputat, li minkejja dak li xtaqu hu u Cauchi, xorta kien ghadu marbut b'l-obbligi naxxenti minn dak l-Ordni. Aktar minn hekk l-imputat dan kien jafhu u kien jaf ukoll x'kellu jaghmel biex hu u Cauchi jkunu jistghu jergghu jibdew jikkomunikaw: rikors quddiem il-Qorti; pero ghar-ragunijiet tieghu ghazel li ma jaghmilx hekk.

Illi l-unika difiza ghar-reat predispost f'l-artikolu 412C(11) hija dak ta'l-skuza ragonevoli. Il-Ligi ma tipprovdiex definizzjoni ta' x'inhi skuza ragonevoli ghalhekk x'jikostitwixxi skuza ragonevoli hija materja mhollija ghad-diskrezjoni

tal-Qorti biex tiddeciedi hi skond ic-cirkostanzi tal-kaz. Il-Qrati taghna dejjem interpretaw x'jista' jikkostitwixxi skuza ragonevoli b'mod restrittiv. Dan huwa necessarju mhux biss ghaliex l-ordnijiet tal-Qorti, partikolarment dawk ta' protezzjoni ghandhom jigi osservati skrupolozament, imma anke ghaliex altrimenti tinholoq incertezza b'mod li l-persuna marbuta b'ordnijiet bhal dawn tista' tibda tohloq "skuzi" li oggettivament ma jezistux. Fil-fatt fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Stefan Muscat mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali gie deciz li t-twelied ta' bintu ma kenitx skuza ragonevoli biex huwa ma josservax il-htigijiet ta'l-ordni ta' protezzjoni[7]. Il-Qorti ta'l-Appell ikkunsidrat li minkejja li l-imputat kellu c-cans jaghmel talba biex il-Qorti tawtorizzah ikun prezenta waqt u/jew wara t-twelied ta' bintu hu ghazel li ma jadixxiex lill-Qorti, jinjora l-ordni ta' protezzjoni, u jmur hdejn il-persuna protetta. Fil-verita ftit huma c-cirkostanzi li fihom wiehed jista' jiprevalixxi ruhu mid-difiza ta'l-iskuza ragonevoli ghaliex hlif f'sitwazzjonijiet ta' forza magguri li ma jippermettux lill-persuna koncernata li tirrikorri ghand il-Qorti qabel, ordni ta' protezzjoni ghandu dejjem jigi osservat.

Illi fil-kaz in ezami ma kien hemm l-ebda urgenza jew forza magguri, u l-unika "skuza" li offra l-imputat kienet li ma kellux flus biex jaghmel rikors. Anke kieku l-Qorti kellha temmen din l-asserzjoni[8] in-nuqqas ta' flus mhux skuza ragonevoli ghaliex ir-rikors setghet taghmlu Cauchi jew l-imputat seta' jirrikorri anke ghand l-Avukat ta'l-Ghajnuna Legali.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija sodisfatta li l-ewwel imputazzjoni giet pruvata fil-grad rikjest mill-Ligi.

Ikkunsidrat

Illi peremzz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bil-ksur ta' kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

Illi kif intqal ai termini tad-degriet mghoti fid-19 ta' Ottubru 2020 l-imputat kien obbligat:

- li ma jkellimx jew javvicina x-xhieda tal-prosekuzzjoni;
- li ma jikkommettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest;
- li javza lill-pulizija jekk jibdel ir-residenza tieghu; u
- li jirrapporta gewwa l-ghassa ta' Rahal-l-Gdid kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha bejn is-07.00am u 07.00pm.

---

[7] F'din il-kawza, deciza f'l-20 ta' Ottubru 2020, il-persuna protetta kienet minorenni; hija u l-imputat kienu qed jistennew tarbija. Fil-gurnata li l-minorenni welldet it-tarbija u anke fi granet sussegwenti l-imputat mar l-isptar u qatta' hin mal-persuna protetta, kontra l-volonta ta' ommha; kienet l-omm li ghamlet rapport lill-pulizija.
[8] F'l-istqarrija l-imputat jghid li huwa kien sab xoghol u kien anke qed jahdem overtime.

Mill-atti processwali jirrizulta ampjament li l-imputat mhux talli kellem lil xhud tal-prosekuzzjoni (lil Cauchi) imma adirittura rega' beda' joqghod maghha; jirrizulta ukoll li huwa bidel ir-residenza tieghu u m'avzax lill-pulizija; hekk kif jirrizulta li almenu f'sitt okkazzjonijiet ma marx l-ghassa jiffirma u lanqas informa lill-pulizija ghalfejn ma setghax imur. La darba qed jinstab hati ta'l-ewwel imputazzjoni jirrizulta ukoll li huwa ikkommetta reat waqt li kien mehlus mill-arrest.

Illi bhal fil-kaz ta' ordni ta' protezzjoni, il-kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest ghandhom jigu osservati skrupolozament u l-imputat qatt ma jistax jiddeciedi li jinjora xi wahda jew aktar minn dawk il-kundizzjonijiet. Huwa biss b'l-awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, ottenuta a priori, li imputat jista' ma jottemperax ruhu ma' xi kundizzjoni imposta fuqu.

Illi anke fir-rigward tar-reat issa in ezami ma kien hemm l-ebda raguni li tiggustifika lill-imputat meta ghazel li injora mhux wahda imma addirittura erbgha mill-kundizzjonijiet imposti fuqu.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata ukoll.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi huwa ben stabbilit li ordni ta' protezzjoni jinghata biex persuna allegatament vittma ta' xi reat tigi protetta minn molestji futuri u biex jigi assigurat ukoll li dik l-allegat vittma tghix hajjitha minghajr biza'. Fil-kaz in ezami l-ksur ta' l-ordni tal-protezzjoni sehh bil-komplicita tal-persuna li dan l-ordni kien intiz li jipprotegi: Kayleigh Cauchi, li riedet hi ukoll li terga tibda r-relazzjoni taghha ma'l-imputat u kienet hi li marret tghix mieghu.

Illi dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet imposti ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest ghandu jigi rilevat li l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat ricentement[9] permezz ta' l-Att XXIX tas-sena 2021. Bhala rizultat ta' dawn l-emendi l-Qorti issa ghandha certa diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-konfiska tad-depozitu u l-garanzija. Ghalkemm il-fatti li taw lok ghall-kaz in ezami sehhew qabel il-promulgazzjoni ta' l-Att XXIX, u la darba issa l-artikolu 579 jista' jitqies bhala anqas oneruz fuq l-imputat, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-emenda handha tapplika retroattivament.

Illi llum l-artikolu 579 jaqra hekk[10]:

[9] F'l-4 ta' Gunju 2021.
[10] Il-partijiet sottolineati huma dawk emendati permezz ta'l-Att XXIX.

1) *Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:*

   ***Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom*** *meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.*

2) *Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien* ***u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.***

3) *Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.*

4) *……………*

Illi minn qari ta' dan l-artikolu kif emendat huwa car li l-legislatur ghamel distinzjoni fid-diskrezzjoni mhollija lill-Qorti taht l-ewwel u t-tieni subartikoli.

Illi permezz tas-subartikolu wiehed, normalment invokat permezz ta' rikors fil-kors tal-proceduri li fihom l-imputat ikun inghata l-helsien mill-arrest, il-Qorti *tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom*. Ghalhekk, u dejjem ai fini ta'l-ewwel subartikolu, il-Qorti ghandha l-fakolta li taghmel wahda minn tlett affarijiet:

i. li tikkonfiska d-depozitu u l-garanzija f'l-intier taghhom;
ii. li tikkonfiska parti mid-depozitu u/jew il-garanzija; u
iii. li ma tapplikax il-konfiska.

Illi permezz tas-subartikolu (2), u allura meta persuna tkun imressqa taht arrest u mixlija bil-ksur ta' xi kundizzjoni imposta ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest, il-Qorti ***għandha** tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija **għandu** jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat*. La darba il-legizlatur uza l-kliem "*ghandha*" u "*ghandu*" l-konfiska taht dan is-subartikolu baqghet tassattiva; dak li thalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti huwa jekk ghandux jigi konfiskat l-ammont tal-garanzija kollu jew parti minnu, u dan skond il-gravita tar-reat, u cioe il-gravita tal-ksur li a bazi tieghu l-imputat ikun instab hati tar-reat in ezami. Permezz ta' din id-diskrezzjoni imhollija lilha l-Qorti ghandha tassigura li s-sanzjoni imposta tkun proporzjonata mal-ksur, mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Illi dwar l-importanza ta' dan il-bilanc u l-impozizzjoni ta' sanzjoni proporzjonata pronunzjat ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza John Grima vs l-Avukat Generali[11]:

> *.. meta jigi ppruvat li l-imputat jew l-akkuzat kiser xi wahda jew aktar mill-obbligazzjonijiet imposti fuqu, ghandu jkun ghall-Qorti tiddeciedi, skont il-gravita` tal-kaz, ghandhiex tordna li s-somma kollha jew parti (kif hi tistabilixxi) tghaddi favur il-Gvern ta' Malta. B'dan il-mod, il-Qorti tkun tista' tevita li jirrizultaw "elements of shocking disproportionality" li kien il-hsieb wara d-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Lawrence Gatt imsemmi[12], u dan konformament ma' dak li jrid l-Artikolu 5(1)(b) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li trid li ghandu jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-privazzjoni tal-liberta` u t-twettiq tal-obbligu preskritt mil-ligi.*

Illi din is-sentenza inghatat ferm qabel l-emendi fuq imsemmija pero l-principji minnha emanenti jibqghu relevanti u jassumi importanza fundamentali stante li issa

---

[11] Deciza 16 ta' Marzu 2011.

[12] Il-Qorti Kostituzzjonali hawn kienet qed tirreferi ghad-decizjoni mghotija mill-Qorti Ewropeja fil-kaz Lawrence Gatt vs Malta (deciz 27 ta' Lulju 2010). F'din id-decizjoni l-Qorti Ewropeja irreferiet ghall-importanza, f'decizjoni dwar ghandhiex tigi konfiskata l-garanzija meta persuna tonqos li thares kundizzjonijiet impost ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest, li ssir distinzjoni bejn *conditions related to the primary purpose of bail, namely appearance at the trial, and conditions related to other considerations.*

hija l-Qorti, li f'l-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha, trid issib, f'kull kaz individwali skond ic-cirkostanzi partikolari tieghu, dak il-bilanc bejn il-gravita o meno tal-ksur u s-sanzjoni adegwata u proporzjonata ghal dak il-ksur.

Illi l-artikolu 579 jipprovdi ukoll ghal sanzjoni ohra minbarra l-konfiska tal-garanzija u cioe l-possibilita tar-revoka tal-helsien mill-arrest u l-konsegwenti riarrest ta'l-imputat, u dan sia taht is-subartikolu wiehed u sia meta persuna tigi mixlija bir-reat ravvizat fis-subartikolu tnejn[13]. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-decizjoni jekk ghandhiex tigi ordnata r-revoka tal-helsien mill-arrest u l-konsegwenti riarrest tal-persuna koncernata hija intimament konessa mad-decizjoni jekk l-garanzija ghandhiex tigi konfiskata f'l-intier taghha jew le.

Illi meta l-ksur ikun wiehed tant gravi li jimmerita l-konfiska tal-garanzija f'l-intier taghha, u issa li ma m'hu ser ikun hemm xejn li jiggarantixxi li l-imputat ser josserva l-kundizzjonijiet imposti fuqu, isegwi li l-helsien mill-arrest ghandu jigi revokat, partikolarment f'proceduri tentati ai termini tas-subartikolu (2) ta'l-artikolu 579. Dan anke biex id-decizjoni dwar jekk u taht liema kundizzjonijiet l-imputat ghandu jerga jinghata l-helsien mill-arrest tigi fdata lill-Qorti li quddiemha jkunu pendenti l-proceduri li fil-kors taghhom l-imputat kien inghata l-helsien mill-arrest.

Illi meta min-naha l-ohra l-ksur ma jkunx wiehed gravi u l-Qorti tkun sodisfatta li l-garanzija m'ghandhiex tigi konfiskata f'l-intier taghha l-argument favur r-revoka tal-helsin mill-arrest jidghajjef. Naturalment biex l-imputat jkun jista jkompli jibbenefika mill-helsien mill-arrest wara konfiska parzjali tad-depozitu u/jew garanzija huwa jkun tenut jerga jiddepozita l-ammont konfiskat jew jerga' jaghmel garanzija ghall-ammont kollu orginarjament ordnat. Jekk ma jaghmilx hekk ikun qed jonqos f'dak li kien mistenni minnu biex jibda jibbenefika mill-helsien mill-arrest u ghalhekk jkun qed jirrendi lilu nnifsu soggett ghar-riarrest sa kemm jerga jottempera ruhhu.

Illi l-konfiska tal-garanzija (u r-riarrest ta' l-imputat meta jkun il-kaz) mhux l-unika sanzjoni prevista f'kaz ta' sejbin ta' htija ghar-reat prospettat fis-subartikolu (2) imma hemm prevista ukoll il-piena ta' multa u/jew prigunerija fil-parametri hemm stabbiliti.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat naqas li josserva erbgha mill-kundizzjonijiet imposti fuqu; kollha huma ta' certu importanza u setghu facilment jinfluwixxu l-andament tal-proceduri li kien hemm pendenti fil-konfront tieghu ghalkemm ma jidihirx li dan sehh. Tenut kont ta' dan, tenut kont ta' x'wassal biex l-imputat jikkomemetti r-reat propsettat f'l-ewwel imputazzjoni, tenut kont ta' l-involviment ta' Kayleigh

[13] F'dan il-kaz pero huwa is-subartikolu 3 li jipprovdi ghar-riarrest.

Cauchi fit-tewttieq tar-reati da parti ta' l-imputat, l-eta tieghu (huwa ghad ghandu ghoxrin sena), l-fedina penali netta u anke l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-Qorti hija tal-fehma li ghandha timponi sentenza sospiza ta' prigunerija u konfiska ta' nofs id-depozitu minghajr ma tirrevoka l-helsin mil-arrest. Konformament ma dak li ntqal aktar 'l fuq jekk l-imputat ma jergax jiddepozita l-ammont konfiskat fid-data li din is-sentenza tkun saret ezekuttiva huwa jkun soggett ghar-riarrest sa kemm jiddepozita s-somma konfiskata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 241C(11) u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiza ghal tmintax (18) il-xahar u qed tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta nofs id-depozitu impost fid-degriet tal-helsien mill-arrest ta' tad-19 ta' Ottubru 2020, u cioe s-somma ta' elf Euro (€1,000)[14].

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk l-imputat jikkoommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**

[14] Stante li d-depozitu huwa ta' elfejn Euro (€2,000).